# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*24 ta' Diċembru, 2009*

139/2009

## L-ARĊISQOF FI ŻMIEN IL-MILIED U L-EWWEL TAS-SENA

Il-funzjonijiet reliġjużi li l-Arċisqof Pawlu Cremona OP se jmexxi fl-okkażjoni tal-Milied jibdew fil-Lejl tal-Milied, meta Mons. Cremona jiċċelebra Quddiesa Stazzjonali Konċelebrata fil-Katidral, l-Imdina. Il-funzjoni tibda fil-11.00pm. Il-Quddiesa mill-Arċisqof tkun f'nofs il-lejl.

Nhar il-Milied, Mons. Arċisqof imexxi Quddiesa Stazzjonali Konċelebrata fil-KonKatidral ta' San Ġwann, fid-9.15am.

Il-Ħadd, 28 ta' Diċembru, mid-9.30am sal-11.30am, l-Arċisqof se jkun fil-Palazz tal-Arċisqof, il-Belt, biex jilqa' lil kull min jixtieq iżuru personalment biex jagħtih l-awguri ta' żmien il-Milied u l-bidu ta' Sena Ġdida. L-Arċisqof se jkun akkumpanjat mill-Isqof Annetto Depasquale.

Fil-31 ta' Diċembru, l-Arċisqof imexxi l-Konċelebrazzjoni ta' Jum il-Paċi 2010, li ssir fil-Konkatidral, fil-5.30pm. Jitkanta wkoll it-Te Deum. Jum il-Paċi jiġi ċċelebrat fl-Ewwel Jum tas-sena.

Il-Quddiesa li l-Arċisqof jiċċelebra fil-bidu ta' sena ġdida għall-koppji li jkunu żżewġu fis-sena li tkun għadha kemm intemmet se ssir nhar is-Sibt, 9 ta' Jannar 2010, fil-KonKatidral ta' San Ġwann, fis-6.30pm.

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Jannar 2010, l-Arċisqof se jiċċelebra Quddiesa għall-għarrajjes fil-Knisja tal-Kappuċċini, Floriana, fis-6.30pm.